# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn 21 ta' Marzu, 2022

**Kawża Nru.** 4

**Rik. Nru.** 553/2021ISB

**Duncan Buttigieg (244783M)**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Duncan Buttigieg** (detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru: 244783(M)) tas-27 ta' Awissu 2021, li permezz tieghu ressaq quddiem din il-Qorti is-segwenti:

1. *Illi fis-6 ta' Ġunju 2018, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat sentenza fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) vs. Duncan Buttigieg** (Kompilazzjoni numru 853/2008), liema sentenza hija res judicata.*

2. *Illi dik l-Onorabbli Qorti eventwalment illiberat lir-rikorrent mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih.*

3. *Illi kif jidher mill-verbali relattivi, l-andament tal-kawża relattiva kien ikkaratterizzat minn dewmien bla bżonn, partikolarment inkwantu li r-rikorrent dam jistenna s-sentenza aktar*

*minn tlett snin wara li ngħalqu l-provi. Dan jidher, inter alia, minn diversi verbali datati bejn is-27 ta' Mejju 2015 u s-6 ta' Ġunju 2018.*

4. *Illi huwa umilment espost li tali dewmien sabiex tingħata s-sentenza ma kienx neċessarju u anzi, kien addirittura eċċessiv. Qari tal-atti tal-kawża relattiva jiżvela li tali dewmien ma kienx ġustifikat.*

5. *Illi dan id-dewmien bla bżonn jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif enunċjati fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, u anki kif ipprovdut fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*

U ghal dawn ir-ragunijiet huwa talab:

i. *Preliminarjament, sabiex in segwitu tal-Artikolu 559 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-Kompilazzjoni numru 853/2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) vs. Duncan Buttigieg**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-6 ta' Ġunju 2018;*

ii. *Tiddikjara li għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif enunċjati fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, u anki kif ipprovdut fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, ġew miksura; u*

iii. *Tagħti kull rimedju li hija jidhrilha xieraq, inkluż kumpens xieraq, sabiex jagħmel tajjeb għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif hawn fuq espost.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk relatati mal-ittra uffiċjali numru 2699/2021 fl-ismijiet premessi, ippreżentata fis-6 ta' Lulju 2021.*

Rat **ir-risposta** tal-**Avukat tal-Istat** pprezentata fl-14 ta' Settembru 2021 (fol 9 et seq) u li permezz taghha, eccepixxa:

*Illi l-kawza odjerna tirrigwarda jekk ir-rikorrent garrabx lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minhabba dewmien irragjonevoli fil-proceduri fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) vs. Duncan Buttigieg deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fis-6 ta` Gunju 2021.*

*1. Illi huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smiegh ta' process eccediex il-parametri tas-smiegh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita' tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir ta' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita' gudizzjarja. Ghalhekk, skond il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura.*

*2. Ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas mill-esponent peress li hu ma kien involut bl-ebda mod fil-kawza in dizamina u ghalhekk jirrizulta b`mod car li l-esponent irid iwiegeb ghal-mod kif mexxew il-kawza il-Qrati taghna izda iktar minn hekk kif kien l-agir tal-partijiet kollha involuti.*

*3. Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gudizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta.*

> 4. *Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggah fit-tgawdija tad-drittijiet tieghu skond il-Ligi.*
>
> 5. *Illi finalment sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġjonevoli, kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu tiegħu u fil-kumplessivita' tieghu u fil-kaz odjern l-esponent jeccepixxi li mill-assjem tal-proceduri in dezamina ghalkemm il-kaz ha numru ta' snin ma kienx hemm dewmien irragjonevoli. Illi huwa palezi li minn naha tal-Prosekuzzjoni ma kienx hemm dewmien irragjonevoli*
>
> 6. *Illi l-allegazzjonijiet li jaghmel ir-rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt.*
>
> 7. *Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess u ghall-gieh tal-argument biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien hemm xi dewmien irragjonevoli u mhux gustifikat u allura tqis li ghandha taghti xi forma ta` rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju ghandu jkun biss ta` kumpens bhala danni morali u mhux ta` danni materjali.*
>
> 8. *Illi ghalhekk m`hemm l-ebda vjolazzjoni tad-dritt ghal-smigh xieraq.*
>
> 9. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*
>
> 10. *Bl-ispejjez.*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti moghti fil-25 ta' Awissu 2021 (fol 7 et seq) u li permezz tieghu, l-kawza giet appuntata ghall-udjenza tat-30 ta' Settembru 2021.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Settembru 2021 minn fejn jirrizulta illi d-difensur tar-rikorrent ddikjara illi bl-allegazzjoni tal-process 853/2008 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) deciz fis-6 ta' Gunju 2018, il-provi tar-rikorrenti jkunu maghluqa u rat illi din il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-imsemmi process.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali tal-10 ta' Novembru 2021 permezz ta' liema, il-process 853/2008 hawn fuq msemmi gie allegat ma' dawn il-proceduri.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' Jannar 2022 minn fejn tirrizulta dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrent fis-sens illi huwa kien qieghed jistrieh fuq l-atti inkluz mill-process allegat, filwaqt illi l-Avukat tal-Istat ddikjara illi ma kellux provi xi jressaq, u wara trattazzjoni, il-kawza thalliet ghall-llum ghad-decizjoni.

Rat l-allegat process migjub mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciz fis-6 ta' Gunju 2018.

Rat l-atti kollha l-ohra.

**Ikkunsidrat**:

Illi minn qari tar-rikors promotur jirrizulta illi r-rikorrent qed jilmenta minn dewmien esagerat fl-andament tal-kawza kriminali li fiha huwa kien l-imputat, il-Pulizija vs Duncan Buttigieg (853/2008) u fi kliemu stess, "*partikolarment in kwantu li r-rikorrent dam jistenna s-sentenza aktar minn tlett snin wara li nghalqu l-provi*". Filwaqt illi jsostni illi dan id-dewmien kien eccessiv u mhux gustifikat, jilmenta illi dan wassal ghall-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu kif enuncjati fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u

l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali.

Illi minn naha tieghu, l-Avukat tal-Istat jsostni illi din il-Qorti trid tqis il-komplessita' tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir ta' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita' gudizzjarja, u sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura. Jghid illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gustizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda. Jikkontendi illi filwaqt illi huwa ma kienx involut, b'dana kollu fl-ipotesi illi din il-Qorti ssib illi kien hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali, allura ir-rimedju ghandu jkun biss ta` kumpens bhala danni morali u mhux ta` danni materjali.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Illi **bhala fatti**, jirrizulta mill-process **853/2008** quddiem il-Qorti tal-Magistrati, is-segwenti:

Illi fil-11 ta' Settembru 2008, ir-rikorrent (hemmek imputat) tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'citazzjoni sabiex jirrispondi ghal tlett akkuzi, ossia (a) serq aggravat bil-valur, bil-vjolenza u bil-hin, (b) hebb ghall-persuna sabiex jingurjha, idejjaqha jew jaghmlilha l-hsara u (c) kiser il-kundizzjonijiet fuqu imposti bl-artikolu 22 tal-KAP 446. Giet esebita il-fedina penali tal-imputat u l-kunsens mahrug mill-Ufficcju tal-Avukat Generali.

Illi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) nzammu 31 seduta, li minnhom:

- 14 ittiehdu mill-Prosekuzzjoni sakemm il-Qorti ddikjarat il-provi tal-Prosekuzzjoni maghluqa (11.09.2008 – d-data tal-prezentata sa 03.04.2013 – 4 snin u seba' xhur),
- 6 ittiehdu mid-difiza biex tressaq il-provi taghha, u wara illi ma ressqet ebda prova, ddikjarat illi ma kelliex provi xi tressaq (28.06.2013 – 03.12.2014 – sena u hames xhur),
- 11 il-seduta mill-Qorti sabiex tinghata s-sentenza (27.05.2015 – 06.06.2018 – tlett snin).

Illi l-process mhux wiehed voluminuz, appena 78 folio, u apparti dokumenti relatati komunament misjuba fi process penali bhal dan, bhal fedina penali u r-rapport tal-Pulizija, xehed biss persuna wahda, l-Ispettur Prosekutur.

Illi mis-seduti hawn fuq msemmija u tul il-kors tal-kawza li ha b'kollox kwazi ghaxar snin (11.09.2008 sa 06.06.2018), jirrizulta illi l-imputat ma attendiex ghas-seduti tmien darbiet, u fil-fatt ghal tlett darbiet il-Qorti ordnat il-Mandat ta' Arrest tieghu. Tnejn minn dawn l-okkazjonijiet kienu fi stadju ta' provi prosekuzzjoni (20.05.2009 – 25.11.2009) u (5.05.2010 – 11.04.2011) biex b'hekk, f'dan l-istadju biss inhliet sena u nofs peress illi ma deherx l-imputat u kellu jigi ezegwit Mandat ta' arrest biex jigi lura l-Qorti jirrispondi ghall-akkuzi tieghu. Jirrizulta ukoll illi kien hemm tlett seduta fejn l-imputat deher imma sprovvist mill-Avukat tieghu.

Jigi ukoll innotat illi mit-tmien seduta il-quddiem (1.12.2020), il-kawza kienet assenjata lill-Magistrat gdid illi wasslet il-kawza ghad-determinazzjoni taghha.

Il-Qorti tinnota ukoll illi x-xhud principali f'dan il-kaz (l-allegata derubata u persuna aggredita) baqghet qatt ma sejjhet mill-prosekuzzjoni sabiex tiddeponi, u kien biss wara illi l-Prosekuzzjoni gharrfet lill-Qorti illi kienet ilha zmien tittenta tirrintraccjha, illi l-Qorti ddikjarat maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni. Irid jigi nnutat ukoll illi fl-ghaxar seduta (26.10.2011), id-difiza kienet oggezzjonat ghall-fatt illi x-xhud principali kienet ghadha ma tressqitx.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

illi l-**Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** ighid espressament hekk:

*Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

*(2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali;*
*u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*

*(3) Ħlief bil-ftehim tal-partijiet kollha, il-proċeduri kollha ta'kull qorti u l-proċeduri dwar id-deċiżjoni tal-eżistenza jew l-estensjoni tad-drittijiet jew obbligi ċivili ta' persuna quddiem xi awtorità ġudikanti oħra, magħdud il-pronunzjament tad-deċiżjoni tal-qorti jew awtorità oħra, għandhom jinżammu fil-pubbliku.*

*(4) Ebda ħaġa fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu ma għandha timpedixxi lil xi qorti jew xi awtorità bħalma hija msemmija f'dak is-subartikolu milli teskludi mill-proċeduri persuni li ma jkunux il-partijiet tal-proċeduri u r-rappreżentanti legali tagħhom –*
*(a) fi proċeduri quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni volontarjau proċeduri oħra li, fil-prattika tal-Qrati f'Malta jiġu,jew huma tal-istess xorta bħal dawk li jiġu, deċiżi incamera;*
*(b) fi proċeduri skont xi liġi dwar it-taxxa fuq l-income; jew*
*(ċ) safejn il-qorti jew awtorità oħra –*
*(i) tista' tqis meħtieġ jew espedjenti f'ċirkostanzi lifihom il-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessital-ġustizzja; jew*
*(ii) jista' jkollha setgħa jew tkun meħtieġa b'liġi li tagħmel hekk fl-interess tad-difiża, sigurtàpubblika, ordni pubbliku, moralità jew deċenzapubblika, il-ġid ta' persuni taħt l-età ta' tmintax-il sena jew il-protezzjoni tal-ħajja privata ta'persuni li jkollhom x'jaqsmu mal-proċeduri.*

*(5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati:*
*Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kifintqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari.*

*(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –*
*(a) għandu jiġi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhemu bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat;*
*(b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
*(ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi;*

*(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiemil-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddugħal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni; u*
*(e) għandu jitħalla li jkollu bla ħlas l-għajnuna ta' interpretu jekk ma jkunx jista' jifhem l-ilsien użat fil-proċeduri dwar l-akkuża, u ħlief bil-kunsens tiegħu stess il-proċeduri ma jistgħux jinżammu fl-assenza tiegħu ħlief jekk huwa jġib ruħu hekk li jagħmel it-tkomplija tal-proċeduri fil-preżenza tiegħu imprattikabbli u l-qorti tkun ordnat li jiġi mwarrab u li l-proċeduri jitkomplew fl-assenza tiegħu.*

*(7) Meta xi ħadd jgħaddi proċeduri dwar reat kriminali, il-persuna akkużata jew xi persuna awtorizzata minnha għal hekk għandha, jekk hekk teħtieġ u bi ħlas ta' dak id-dritt raġonevoli li jista' jkun preskritt b'liġi, tiġi mogħtija fi żmien raġonevoli wara s-sentenza kopja għall-użu tal-persuna akkużata ta' kull inkartament tal-proċeduri magħmula minn jew għan-nom tal-qorti.*
*(8) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien metajkun ġie magħmul.*

*(9) Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:*
*Iżda ebda ħaġa f'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu minħabba biss li tawtorizza xi qorti li tagħmel proċeduri kontra membru ta' korp dixxiplinat għal reat kriminali nonostanti kull proċeduri u dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ta' dak il-membru skont il-liġi dixxiplinarja ta' dak il-korp, imma hekk illi kull qorti li tkun hekk tiġġudika dak il-membru u li hekk issibu ħati għandha meta tikkundannah għal xi piena tieħu kont ta' kull piena mogħtija lilu skont dik il-liġi dixxiplinarja.*

*(10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali ma għandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha.*

*(11) F'dan l-artikolu "rappreżentant legali" tfisser persuna intitolata li teżerċita f'Malta bħala avukat jew, ħlief dwar proċeduri quddiem qorti fejn prokuratur legali ma għandux dritt ta' smigħ, prokuratur legali.*

**L-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali** ighid espressament hekk:

*(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta'xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

*(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*

*(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*
*(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*

*(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
*(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*
*(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;*
*(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.*

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-insenjament propizju dwar l-applikabilita' tal-provvedimenti tal-ligi hawn fuq kkwotat ghall-fatti li Qorti bhal din ikollha quddiem jghallimna, illi kawza bhal din timmerita l-iskrutinju tal-andament ta' kawza fil-kuntest ta' dak li ighidu l-provvedimenti msemmija[1].

Ukoll illi ma hemmx definizzjoni tat-terminu zmien ragjonevoli, u allura mhux la kemm jinghad illi tlett snin ghall-ghoti tas-sentenza huwa zmien irragjonevoli jew le.

Kif ighid **Dr Tonio Borg**[2], "*everything depends on the nature of the case*", u jikkowota sentenza u ighid illi

> "*the words "reasonable time" in the Convention are such as not to lend themselves to a definition in rigid terms and certainly may not be restricted to limitations of definite periods of time in criminal law or other laws of a particular country. The term in itself contains a strong element of discretion which leaves it in the hands of the judge to decide if in the circumstances of the case, and the time which elapsed until the person concerned was adjudicated, was of such duration which exceeded that which is to be normally acceptable in a democratic society*"[3].

Illi issir referenza għal dak li qalt il-Qorti Kostituzzjonali[4]

> *"Din il-Qorti sejra tibda billi tistharreg l-ilment tar-rikorrent dwar dewmien esagerat u irragjonevoli, tenut kont, fost affarijiet ohra, ta' tliet binarji principali ormai ben assodati fil-gurisprudenza patria u dik Ewropea, jigifieri il-komplessità tal-kaz, l-agir taz-zewg partijiet u 'what was at stake for the applicant in a given case'."*

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti datata 1 ta' Frar 2016 fl-ismijiet **Anton Camilleri vs Avukat Generali**, fejn inghad:

> *Jinsab ukoll assodat il-fatt li ma tezisti ebda lista komprensiva li tista' twassal lill-Qorti sabiex tiddikjara lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq abbazi ta' dewmien fil-proceduri. Ghalhekk, ghalkemm il-Qorti ghandha tikkunsidra l-fatturi fuq indikati ghandu jitqies kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz in kwistjoni.*
>
> *Jinsab ritenut illi:*

[1] **Carmelo Bonello et vs Joseph Mary Vella et**, Qorti Kostituzzjonali, 6.04.1995
[2] **A Commentary on the Constitution of Malta**, (2016) pg 150
[3] **Emanuela Brincat vs Attorney General**, Qorti Kostituzzjonali, 21.02.1996
[4] **Joseph Camilleri vs Avukat Generali**, 27.05.2016

> *"As regards the criteria for assessing whether the General Court has observed the reasonable time principle, it must be borne in mind that the reasonableness of the period for delivering judgment is to be appraised in the light of the circumstances specific to each case, such as the complexity of the case and the conduct of the parties [see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 181 and the case-law cited].*
>
> *.... The Court has held in that regard that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long [see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 182 and the case-law cited].*
>
> *Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', il-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita' li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika. Dan ifisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu.*

Is-smigh xieraq fi zmien ragjonevoli jinbena fuq numru ta' pilastri principali:

(a) jekk id-dewmien iqiegħedx fil-periklu l-effettività u l-kredibiltà tal-gustizzja,

(b) il-ħtiega li l-persuna mixlija tingħata l-opportunità ta' difiza xierqa u effettiva,

(c) jekk id-dewmien joħloqx fil-persuna mixlija li titħalla hekk għal zmien twil stat ta' incertezza fuq il-verdett tal-innocenza jew il-ħtija tagħha u fuq x'sejjer ikun id-destin tagħha; u

(d) jekk id-dewmien ta' proceduri kriminali għandu effett negattiv fuq il-fama tal-persuna mixlija.

Dawn il-pilastri jistghu anke jinsiltu minn dak li tghid il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Hekk per ezempju jinghad illi l-htiega ghal smigh xieraq kif garantit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni:

> *"is to guarantee that within a reasonable time, and by means of a judicial decision, an end is put to the insecurity into which a person finds himself as to his civil law position or on account of a criminal charge against him; in the interest of the person in question as well as of legal certainty. This rationale entails that the*

*provision also applies in cases where there is no question of detention on remand*"[5]

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Maghmula cari dawn l-insenjamenti u stabbiliti l-fatti kif hawn fuq esposti ghalhekk, il-Qorti sejra issa taghmel l-osservazzjonijiet u l-kunsiderazzjonijiet taghha fir-rigward ta' dak li jirrizulta f'dan il-kaz.

Din il-Qorti ghalhekk ser taghti piz konsiderevoli ghat-tlett snin illi damet biex inghatat is-sentenza mid-data tas-seduta illi fiha appuntu thalliet ghad-decizjoni, izda mhux ser tiskarta l-bqija tas-seba' snin illi l-kawza kienet ilha miexja qabel ma marret ghas-sentenza. Dan kif anke mitlub fir-rikors promotur.

Din il-Qorti tibda' biex tirrimarka illi salv eccezzjonijiet serji li jistghu jinqalghu, kawza bhal dik *sotto ezami* ma jmissha qatt ttul dak iz-zmien kollu. Kawza fejn x-xhud principali (anke jekk ma setghetx tigi rintraccjata) ma xehditx, kawza fejn xehed biss l-ufficjal prosekutur u kawza fejn il-process jikkontjeni anqas minn 80 folja li ma joffri ebda sfida jew kumplikazzjoni partikolari, ma jmissu qatt iwassal ghal trapass ta' ghaxar snin biex tinghata sentenza u ssir gustizzja.

Il-Qorti tosserva illi tul il-perjodu tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-Prosekuzzjoni damet wisq biex ghalqet il-provi limitati taghha – anzi, irid jinghad illi f'dik l-istess seduta meta l-Qorti ddegretat illi l-provi tal-prosekuzzjoni kienu qed jigu dikjarati maghluqa, l-ufficjal prosekutur kien qed jitlob ghal differiment iehor biex jintracca lix-xhud principali.

Il-Qorti tinnota illi l-ufficjal prosekutur jidher illi kellu diffikulta' illi jintraccja lix-xhud principali – dik allegatament derubata u aggredita/ingurjata – izda li filwaqt illi fir-rapport taghha tas-6 ta' Awissu 2008 hija tipprovdi l-indirizz taghha, mhux accettabbli illi sa sitt snin wara, il-Pulizija Ezekuttiva ma tkunx sabet il-mod u l-mezz kif tirrintraccja lill-persuna de quo. Dik id-diffikulta' certament ma tistghax tintralcja fuq il-process ta' smigh xieraq fi proceduri kriminali. Ulterjorment, kien hemm anke istanzi fejn il-prosekuzzjoni naqqset milli tezegwixxi Mandat ta' Arrest biex tassikura l-presenza tal-imputat ghall-proceduri tieghu stess.

Il-Qorti innotat ukoll illi tul il-kors tal-gbir tal-provi, l-imputat inhariglu Mandat ta' Arrest ghal tlett darbiet (20.05.2009, 5.05.2010 u 10.10.2014) u dan peress illi huwa naqas milli jidher ghall-proceduri li kienu qed isiru kontra tieghu – liema tlett istanzi wasslu ukoll ghal certu telf ta' zmien minkejja illi kien fl-interess tieghu, kif fuq kollox jghid f'din il-kawza, illi l-proceduri jigu decizi fl-aqsar zmien u minghajr dewmien.

Il-Qorti trid ukoll tiehu nota tal-fatt illi l-imputat dam sena u nofs (6 seduti) biex jiddikjara illi ma kellux provi xi jressaq u dan ukoll wassal ghal telf ta' zmien inutili. Din il-Qorti tqis illi anke d-difiza ghandha d-dmir illi ma tkunx kagun ta' dewmien inutili.

[5] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak **Theory & Practice of the European Convention on Human Rights** (4th Edit, 2006), pg. 602 – 3.

Dan kollu qed jinghad peress illi din il-Qorti tqis illi t-telf ta' zmien illi seta' kien hemm fl-ewwel seba' snin tal-kawza sakemm thalliet ghad-decizjoni, jkun legittimu jinghad illi jista' jigi attribwit ugwalment ghall-prosekuzzjoni u kif ukoll ghad-difiza u fid-dawl ta' dan din il-Qorti ma thossx illi l-Istat ghandu jwiegeb ghal tali dewmien.

In kwantu ghat-tlett snin biex tinghata d-decizjoni de quo li ghaddiet biex illiberat lill-imputat minn kull htija, liema tlett snin, kif hawn fuq osservat u kif jidher mir-rikors promotur, l-aktar li wasslu ghal dawn il-proceduri, irid jinghad illi l-kawza per se ma kienet toffri ebda kumplikazzjoni. Il-kawza kienet semplici kif inoltre' evidenzjat mid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati.

Din il-Qorti thoss illi tlett snin biex tinghata sentenza ta' erba' pagni li ma kienet xejn kumplikata in vista ta' process tant nieqes minn provi kienu wisq u esagerati u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha hawnekk maghmula, il-Qorti thoss illi dan it-trapass ta' zmien lleda d-drittijiet tar-rikorrenti kif minnhu allegat u pretiz.

Ma irrizultax x'kienet ir-raguni ghal dan id-dewmien, lanqas mill-verbali, ghajr illi l-Qorti kienet tghid illi ghanda bzonn aktar zmien. Hu maghruf illi l-Magistraturi hija mghobbija b'hafna bix-xoghol, kultant xoghol aktar urgenti minn iehor, xoghol li aktar ma jidhirx milli jidher.

Dan pero`, kif il-Qrati taghna gja kellhom okkazjoni ighidu drabi ohra, ma jnaqqas xejn mid-dmir ta' kull qorti, inkluz din, li tara li l-kawzi jitmexxew b'heffa u b'efficjenza, minkejja l-inerzja tal-partijiet u/jew xoghol iehor illi jista' jkun hemm fuq il-mejda tal-gudikant partikolari, u, ladarba hemm ukoll dmir fuq l-awtorita` pubblika li taghmel disponibbli rizorsi bizzejjed biex il-qrati jkunu jistghu jwettqu dan id-dmir taghhom, l-iStat m'ghandux ikun ezonerat minn responsabbilta` ghal dewmien ta' tant snin biex jigu konkluzi proceduri ta' kawza ta' komplessita` mhux aktar mill-medja.

Kif ser jigi osservat aktar l-isfel, din il-Qorti ma jirrizultaliex illi f'dan il-kaz, ir-rikorrent sofra xi preguduzzju kbir – izda kbir jew zghir, il-pregudizzju jibqa', jekk xejn, relatat ma ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem – u dan ma ghandux jigi skarat. Huwa ghalhekk, illi anke fil-kuntest ta' kaz bhal dan, din il-Qorti terga', ghal darb'ohra, taghmel l-appell lill-amministrazzjoni pubblika sabiex tara u tassikura illi l-gudikanti jkollhom l-ghodda kollha necessarju sabiex ikunu jistghu jahdmu b'aktar heffa.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Illi stabbilit illi r-rikorrenti sofra lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu kif sanciti fl-Artiklu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, din il-Qorti trid tghaddi sabiex takkorda rimedju.

Ma tressqu ebda provi ta' danni pekunjarji illi r-rikorrenti seta' sofra u ghalhekk il-Qorti sejra takkorda biss danni non-pekunjarji. Biex tasal ghal quantum dovut, din il-Qorti qed tikkonsidra:

a) Illi ma jirrizultax illi fil-kors ta' tlett snin li l-kawza damet ghas-sentenza ma qatt kien hemm talba/rikors tal-imputat sabiex titlob lill-Qorti tiddeciedi minghajr

dewmien, u ghalhekk il-Qorti tinnota certu silenzju u passivita' da parti tal-imputat illi jaghti wiehed x'jifhem illi d-difiza kienet, f'dak l-istadju, qed tittollera dak li kien qed isehh.

b) Illi ma tezisti l-ebda formula ta' kif il-Qorti tillikwida l-kumpens non-pekunjarju u ghalhekk kull Qorti ser tuza d-diskrezzjoni taghha.

c) Illi kif gja kellha okkazjoni tghid il-Qorti Kostituzzjonali, "*il-messagg lill-legislatur, l-Istat, lill-Prosekuzzjoni, l-Avukat Generali u lill-Qrati hu car – time is of the essence*"[6] – anke jekk fil-kaz odjern, ma jirrizultax lill-Qorti illi t-trapass ta' zmien inutili serva ta' xi pregudizzju partikolari lill-imputat hawnekk rikorrent, ghajr ghall-fatt inniffsu illi gew lezi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.

d) Il-lista' ta' gurisprudenza li ssenjalat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Christopher Mazzitelli vs Avukat Generali**[7] u kif riprodotta fil-kawza **Noel Xuereb vs Avukat Generali, illum Avukat tal-Istat et**[8], u allura:

"*Il-Qorti tagħmel referenza għal sentenzi li ngħataw mill-QEDB dwar kawżi Kriminali u l-kumpens li ordnat li jitħallas:*

*i.* ***Bevs v. Ukraine*** *(7307/05) tat-18 ta' Settembru, 2009. Il-perjodu rilevanti hu mill-31 ta' Mejju, 2002 u kienu għadhom ma spiċċawx. Kumpens non-pekunjarju ta' €2,000;*

*ii.* ***Galea and Pavia v. Malta*** *(77209/16; 77225/16) tal-11 ta' Frar, 2020. Il-perjodu rilevanti kien ta' sittax-il sena. Kumpens non-pekunjaru ta' €17,000 lil kull applikant, b'żieda mal-€5,000 li ngħata kull applikant mill-Qorti Kostituzzjonali;*

*iii.* ***Kishazi and Others v. Hungary*** *(28814/19; 32428/19; 63432/19) tat-22 ta' Ottubru, 2020. Perjodu rilevanti fil-każ ta' Kishazi kien mill-15 ta' Ottubru, 2008 sad-29 ta' Novembru, 2018. Kumpens ta' €6,500 u li skont is-sentenza jkopri ".... pecuniary and non-pecuniary damage and costs and expenses per applicant";*

*iv.* ***Delic v. Bosnia and Herzegovina*** *(59181/18) tat-2 ta' Marzu, 2021. Perjodu rilevanti kien mit-23 ta' Ottubru, 2012 sas-27 ta' Jannar, 2020. Kumpens non-pekunjarju ta' €1,800;*

*v.* ***Lewandowski v. Poland*** *(29848/17) tat-18 ta' Marzu, 2021. Il-perjodu rilevanti kien mill-25 ta' Mejju, 2008 sal-11 ta' Ottubru, 2016. Kumpens non-pekunjarju ta' €2,600;*

---

[6] **Noel Xuereb vs Avukat Generali, illum Avukat tal-Istat et**, 01.12.2021

[7] 30.06.2021

[8] 01.12.2021

vi. ***Slawinski v Poland*** *(61039/16) tal-15 ta' April, 2021. Il-perjodu rilevanti hu mis-26 ta' Frar, 2002 sas-17 ta' Marzu, 2016. Kumpens non-pekunjarju ta' €10,000 wara li Qorti Reġjonali kienet ordnat kumpens ta' €475 għad-dewmien żejjed;*

vii. ***Pastukhov & Molokovshkylek v. Ukraine*** *(24072/20 u 24111/20) tad-29 ta' April, 2021. Il-perjodu rilevanti kien ta' iktar minn tnax-il sena. Kumpens ta' €4,200 lil kull applikant u li skont is-sentenza jkopri ".... pecuniary and non-pecuniary damage and costs and expenses per applicant"*

Mehud konsiderazzjoni ta' dan kollu, din il-Qorti ser tiffissa kumpens non-pekunjarju fl-ammont ta' hames mitt Euro (€500).

**GHALDAQSTANT**, din il-Qorti, wara li hadet konsiderazzjoni tal-fatti kollha quddiemha u wara l-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq maghmula, qeghda tghaddi sabiex, filwaqt illi ***tichad*** ir-risposta tal-Avukat tal-Istat intimat:

1. **TASTJENI** milli tiehu konjizzjoni tal-Ewwel talba in kwantu illi dak hemmek mitlub gja avvera ruhu.

2. **TIDDIKJARA** li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif enunċjati fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, u anki kif ipprovdut fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, ġew miksura; u

3. **TIDDIKJARA** konsegwentament illi l-Avukat tal-IStat intimat ghandu jaghmel tajjeb ghad-dannu soffert mir-rikorrent; u

4. **TILLIKWIDA**, kumpens dovut lir-rikorrenti, in linea ta' danni non-pekunjarji, fis-somma ta' hames mitt Euro (€500); u

5. **TIKKUNDANNA** lill-Avukat ta' l-Istat ihallas l-imsemmija somma ta' hames mitt Euro (€500) lir-rikorrent fi zmien tlett xhur mid-data li din is-sentenza tghaddi in gudikat.

**L-ispejjes** ta' dawn l-odjerni proceduri illi jkunu a karigu tal-intimat.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**